IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.21 (Wieħed u Għoxrin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 21ta' Jannar, 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 Knis – Is-sitwazzjoni tat-tindif permezz ta' kennies għada l-istess. Kuljum qiegħed ikollna nkellmu lil Wilson sabiex niġbdulu l-attenzjoni fuq nuqqasijiet u fost il-problemi li hemm huwa l-ħmieġ tal-klieb.

3.2 Kuntratt tal-ġbir ta' skart – Issa li ilna aktar minn xahar bil-kuntratt il-ġdid jidher li għandna l-iskips kollha. Il-Kunsill reġa' qabel unanimament fuq li nippruvaw inneħħu l-iskips ta' Triq l-Ispnott il-parti t'isfel, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq il-Knisja u Triq Karmelo Ritchie.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Din il-prova ser tibda mix-xahar id-dieħel wara li nkunu avżajna lir-residenti permezz ta' cirkular imqassma bieb bieb.

L-iskips li ser jitneħħew ser jitpoġġew max-Xatt.

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Wilson il-propjetarju tal-Kumpannija WM Environmental Ltd. sabiex nitkellmu wiċċ imbwicc miegħu fuq in-nuqqasijiet li qiegħed ikollna kemm fuq il-knis kif ukoll fuq il-ġbir ta' skart.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Korrispondenza – Rigward it-talba biex nindikaw dawk it-toroq li għad iridu jsiru mil-ġdid, is-Sindku qal li rrisponda lill Ministeru kkon1ernat u taħhhom lista ta' dawk it-toroq li huma ppjanati imma għadhom ma ġewx esproprijati. Dawn huma:

- Kontinwazzjoni ta' Triq it-Tumbrell li tinfed għal ġo Triq Dwardu Ellul.
- Kontinwazzjoni ta' Triq il-Mulett li tinfed għal ġo Triq Wied Glavan.
- Kontinwazzjoni ta' Triq Wied Glavan li tinfed ġo Triq il-Knisja.
- Sqaq Massa li jinfed għal ġo Triq L-Ispnott.
- Triq Karmelo Ritchie li ddur u tinfed għal Dawret ix-Xatt.

4.2 Proġetti kapitali – Bħalissa is-Segretarju Parlamentari nieda skema fuq proġetti kapitali għall-Kunsilli Lokali fejn hemm a dispozizzjoni 1 Miljun euro bejn il-Kunsilli kollha. Il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra qabel li japplika biex jitkompla l-proġett tal-Multipurpose Hall u s-sit ta' quddiemu.Din l-istima ser tleħħaq 300 elf euro li jitqassmu fi tlett snin.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Żebgħa tal-Promenade – Il-Kunsill qiegħed jinnota li qed jerġa' joħroġ is-sadid fejn diga' inżebagħ.

6.2 Żvilupp tal-art ta' fejn il-ground – Is-Sindku qal li dik l-art ta' fejn il-ground mhux ser issir parking pero' ser issir parti min-nursery. Issa hemm kont x'jithallas tal-MEPA u li ser iħallsuh tal-Ministeru.

6.3 Ilma li qiegħed iżomm max-Xatt – Fuq dan ir-rigward tkellimna ma' Robert Buhagiar mil-Ministeru ta' Joe Mizzi u għadda din il-problema lill-Perit Joe Zerafa Briffa. Il-Perit għandu jiġi fuq il-post sabiex jara x'jista' jsir biex ma jibqax iżomm ilma.

6.4 Kirja tal-Garaxx ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Minħabba l-fatt li għandna garaxx ieħor bħala store li jinsab fil-bandli ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja, il-Kunsill qabel unanimament li fuq il-garaxx li għanda bil-kera tiġi tterminata l-kirja tiegħu minn April li ġej. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

6.5 Keep Clear fi Triq il-Fabbriki – Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru markings tal-keep clear fi Triq il-Fabbriki minħabba nuqqas ta' aċċessibilita' tar-resident.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita' tal-Milied – L-attivita' saret sewwa pero' minkejja li suppost intbgħatet karta bieb bieb ma kellniex ħafna nies.

7.2 Attivitajiet kulturali – Is-Sindku qal li l-attivita' li jmiss hija ta' jum San Pawl, fl-10 ta' Frar u din id-darba ser immorru l-War Museum il-Birgu u quddies Buġibba u ikla fis-San Antonio Hotel

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Sqaq Ras il-Gebel – Is-Sur Edric Micallef qalilna li ser jiġi għal laqgħa fuq il-post mal-Kunsill. Pero' l-kunsill ħa deċiżjoni li ma joqgħodx jistenna lis-Sur Micallef minħabba li jinsab impenjat ħafna u għalhekk issir laqgħa mar-residenti kkonċernati u naraw x'jista' jsir.

8.2 Kappillan ġdid fil-Parroċċa - Is-Sindku qal li għandna stedina għall-Kunsilliera kollha sabiex jattendu għall-Pussess tal-Kappillan il-ġdid, Dun Evan Caruana.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Performance Bonus tal-Ħaddiema

IX-XGHAJRA

9.1 Is-Sindku spjega li f'din is-seduta irridu napprovaw il-Bonus ta' l-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill tax-Xgħajra għandu tlett (3) impjegati. Dawn huma:

Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv
Josette Camilleri u
Rita Said

Is-Sindku spjega li għall-impjegati klerikali il-bonus hu ta' massimu ta' 6% u għas-Segretarju Eżekuttiv ta' 10% u li dawn iċ-ċifri dejjem ingħataw fil-massimu tagħhom tul dawn l-aħħar 15-il-sena.

Is-Sindku kompla jispjega li filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv hu nkarigat li jirrakomanda l-performance bonus taż-zewgt impjegati klerikali, Is-Sindku hu nkarigat li jirrakkomanda tas-Segretarju Eżekuttiv. F'kull kaz dawn l-istimi jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn fil-kaz tal-impjegati klerikali jiġu mħallsa dawn il-Bonuses direttament u fil-kaz tas-Segretarju Eżekuttiv trid tiġi approvata mid-Dipartiment qabel jitħallas.

Is- Sindku ippropona li Messrs Josette Camilleri u Rita Said jieħdu 6% waqt li s-Sur Ranier Busuttil jieħu 10%.
Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għal-Ħamis, 19ta' Frar, 2015 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt